**Parlament Ewropew**
2024-2029

**TESTI ADOTTATI**

# P10_TA(2026)0046

## L-oppressjoni sistemika, il-kundizzjonijiet inumani u d-detenzjonijiet arbitrarji mir-reġim fl-Iran

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta’ Frar 2026 dwar l-oppressjoni sistemika, il-kundizzjonijiet inumani u d-detenzjonijiet arbitrarji mir-reġim fl-Iran (2026/2612(RSP))

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Iran,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 150(5) u 136(4) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

A. billi r-Repubblika Iżlamika tipprattika oppressjoni sistematika tal-poplu tagħha permezz ta’ arresti arbitrarji, għajbien furzat, tortura, qtil extraġudizzjarju, il-piena tal-mewt, il-vjolenza sesswali, il-kastig kollettiv u kundizzjonijiet ta’ detenzjoni inumani;

B. billi l-istimi tal-għadd ta’ mwiet matul il-protesti reċenti jvarjaw minn diversi eluf sa aktar minn 35 000, inklużi ta’ nisa, tfal u anzjani; billi fost il-vittmi hemm ċittadini tal-UE;

C. billi twettqu għexieren ta’ eluf ta’ arresti arbitrarji, u ċ-ċifri rrappurtati tal-iskala reali huma baxxi; billi d-detenuti jinżammu mingħajr aċċess għall-avukati, għall-familja jew għal kura medika adegwata, u huma soġġetti għal tortura, trattament ħażin minħabba nuqqas ta’ rqad u abbużi oħrajn, u konfessjonijiet furzati;

D. billi l-atti dokumentati jissodisfaw il-limitu biex jikkwalifikaw bħala delitti kontra l-umanità;

E. billi l-Iran jeżerċita repressjoni tranżnazzjonali permezz ta’ koerċizzjoni bi prokura, inkluż fil-każ ta’ Mohammad Amer Dadafarzin, iben id-difensur tad-drittijiet tal-bniedem Fariba Baloch, li nżamm f’detenzjoni arbitrarja u ġie ttorturat b’ritaljazzjoni għall-ħidma u x-xhieda ta’ ommu fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem quddiem il-Parlament Ewropew;

F. billi l-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) għandu rwol ċentrali fir-repressjoni, u jopera b'impunità; billi l-UE iddeżinjat lill-IRGC bħala organizzazzjoni terroristika,

1. Jesprimi solidarjetà mal-poplu Iranjan u jafferma mill-ġdid li huwa l-uniku sors leġittimu ta' sovranità fl-Iran; jappoġġja lill-poplu Iranjan li jfittex il-libertà u d-dritt li jgħix mingħajr koerċizzjoni Iżlamista;

2. Jiddeplora l-użu sistematiku tad-detenzjoni arbitrarja, tat-tortura, tal-qtil extraġudizzjarju u tal-piena tal-mewt bħala strumenti ta' repressjoni mir-reġim; jappella għall-abolizzjoni immedjata tal-piena tal-mewt;

3. Jistieden lir-reġim iwaqqaf il-vjolenza kollha kontra ċ-ċivili, iwaqqaf l-eżekuzzjonijiet kollha u jtemm ir-repressjoni; jitlob il-ħelsien tal-persuni kollha f'detenzjoni arbitrarja, inklużi ċ-ċittadini barranin u dawk b'ċittadinanza doppja;

4. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet jieqfu jattakkaw lit-tobba u lill-ħaddiema tal-kura tas-saħħa talli kkuraw lid-dimostranti midruba;

5. Jitlob li l-atroċitajiet jiġu ddokumentati b'mod indipendenti mill-korpi tan-NU u li l-evidenza tiġi ppreservata għal prosekuzzjonijiet futuri; jisħaq fuq il-ħtieġa tal-obbligu ta' rendikont permezz tal-mekkaniżmi ġudizzjarji internazzjonali, inkluż li l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU jirreferi lill-Iran quddiem il-QKI;

6. Jiddeplora l-fatt li r-reġim jimmira l-attakkati tiegħu kontra dimostranti, attivisti, ġurnalisti, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, ċittadini barranin u b'ċittadinanza doppja, nisa, minoranzi u komunitajiet, inklużi l-Kurdi, il-Baluchis, l-Għarab Ahwazi, il-Baha'i u l-Insara, fost oħrajn; jitlob il-ħelsien ta' dawk detenuti unikament minħabba l-etniċità jew it-twemmin reliġjuż tagħhom;

7. Iħeġġeġ lill-Kunsill u lill-Istati Membri jespandu s-sanzjonijiet immirati, inklużi l-iffriżar tal-assi u l-projbizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar, kontra dawk responsabbli għall-abbużi, inklużi l-membri tal-IRGC u l-mexxejja politiċi, il-prosekuturi, u l-uffiċjali tal-ħabs u tas-sigurtà, u jinfurzaw is-sanzjonijiet u jipprevjenu ċ-ċirkomvenzjoni;

8. Jikkundanna bil-qawwa l-elezzjoni tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran bħala Viċi President tal-Kummissjoni tan-NU għall-Iżvilupp Soċjali u jiddeplora r-rapporti li s-Segretarju Ġenerali tan-NU bagħat messaġġ ta' ferħ lir-reġim fl-anniversarju tar-Rivoluzzjoni Iżlamika, li jilleġittimizza gvern responsabbli għall-qtil tal-massa, it-tortura u d-detenzjonijiet arbitrarji u jimmina r-responsabbiltà internazzjonali;

9. Jikkundanna l-oppressjoni tan-nisa u jitlob il-ħelsien immedjat tan-nisa kollha f'detenzjoni, speċjalment ir-rebbieħa tal-Premju Nobel Narges Mohammadi;

10. Jikkundanna l-użu intenzjonat mill-awtoritajiet Iranjani tad-diplomazija tal-ostaġġi; iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jiżviluppaw kontrostrateġija biex jassistu lill-familji tad-detenuti u jipprevjenu li jkun hemm aktar teħid ta' ostaġġi;

11. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jipprovdu protezzjoni u assistenza umanitarja lill-persuni li qed jiffaċċjaw riskju serju għall-ħajjithom, u jappoġġjaw soluzzjonijiet biex jiġi restawrat l-aċċess għall-internet;

12. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-VP/RGħ, lill-Istati Membri, lin-NU u lill-awtoritajiet Iranjani.